MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 981/2002

**Dr. Reuben Balzan LL.D bhala prokuratur ta' Evonne Krpo u Adnan Krpo.**

**-vs-**

**Frances Borg u Adel Abwain.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-30 ta' Awissu, 2002 li permezz taghha l-attur nomine ppremetta:

Illi l-atturi Evonne Krpo u Adnan Krpo jinsabu kredituri tal-konvenut fis-somma ta' hamest elef u hames mitt Liri Maltin (Lm5,500), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati,

kopji ta’ liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti “1” sa “25”;

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex;

1. Tikkundannahom li jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef u hames mitt Liri Maltin (Lm5,500), import ta’ kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine mahlufa minn Dr. Reuben Balzan, I.D. 182869(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-14 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha eccepixxew:

1. Illi l-ammont reklamat mhuwiex dovut stante illi l-kambjali gew iffirmati rizultat ta’ theddid, pressjoni, qerq u ingann u ghalhekk huma nulli u bla effett;

2. Illi qieghda tigi intavolata kontro-talba f’dan ir-rigward sabiex tigi attakkata l-validita ta’ dawn il-kambjali;

3. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fil-15 ta’ Novembru, 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Marzu, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat.

Illi din hija azzjoni kambjarja u ghalhekk regolata mill-Artikolu 223 *et sequitur* tal-Kodici tal-Kummerc. L-unika eccezzjoni li ressqu l-konvenuti hija marbuta mall-kontro-talba taghhom u cioe’ li l-firma taghhom fuq il-kambjali in kwistjoni giet ottenuta b’*theddid, pressjoni, qerq u ingann.* Il-Qorti gia’ iddecidiet fis-sentenza parzjali fuq imsemmija li l-kontro-talba tal-konvenuti ma ghandhiex twaqqaf l-azzjoni kambjarja attrici *ai termini* tal-Artikolu 198 (2) tal-istess Kodici tal-Kummerc.

Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>George Zahra vs Alfred Borg</u> deciza fit-28 ta’ April, 1995;

*Hu ghalhekk li l-Qrati dejjem irritenew illi fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita’ formali tal-kambjala in kwistjoni in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha monka f’xi wahda mill-elementi kostituttivi essenzjali taghha kif trid il-Ligi.*

Il-Qorti f’dik il-kawza ccitat ukoll is-sentenza riportata fil-Volum XXIX- Pt I. pagna 1136 fejn intqal;

*Meta f’kawza ghall-hlas ta’ somma li tirrizulta minn kambjala jinghataw eccezzjonijiet ta’ natura tali li ma tistax titwaqqaf il-kawza u l-likwidazzjoni tal-kontijiet bejn il-partijiet tiehu z-zmien, il-konvenut ma jistax jirrifjuta li jhallas pero’ il-Qorti*

*tista' taghmel favur tieghu riserva tad-drittijiet fis-sens li timponi fuq lill-attur obligazzjoni munita b'garanzija jew li skond id-diskrezzjoni taghha li jirrestittwixxi dak li f'kawza li jaghmel apposta l-konvenut jirrizulta li dan ikun hallas iz-zejjed.*

Naturalment f'din il-kawza l-kwistjoni m'hijiex ta' rendikonti izda jekk eventwalment jirrizulta li l-konvenuti ghandhom ragun fil-lanjanzi taghhom allura ma jkun dovut xejn minnhom ghaliex il-kambjali jigu dikjarati nulli. Madankollu l-konvenuti ghandhom il-mezzi legali biex fil-waqt li jevitaw li jittiehdu passi esekuttivi fil-konfront taghhom jassikuraw ruhhom li l-flus pagabbli skond is-sentenza ikunu assikurati mir-rifuzjoni f'din l-eventwalita' – ghalhekk ma hemmx lok li l-Qorti timponi xi obligazzjoni f'dan is-sens.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500) lill-atturi, bl-imghaxjiet legali mid-data ta' kull skadenza tal-kambjali sad-data tal-hlas.**

**Spejjes ta' din l-istanza a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------